**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A., LL.D., MAG. JUR. (EU LAW)**

**DISTRETT QORMI**

**Kawża Numru 1517/23**

**Il-Pulizija**
**vs**
**Emmanuel Vella**

**Illum, 4 ta' Marzu, 2024**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra Emmaneul Vella, u/jew għan-nom tas-socjetà Raymanda Ltd (C18454), ta' 66 sena, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 107256M, li permezz tagħha ġie akkużat talli:

> *"… fix xhar ta Jannar 2023 u fil granet u xhur ta qabel f Hal Qormi*
>
> *Mingħajr il-ħsieb li tisraq jew li tagħmel ħsara kontra l-liġi iżda biss biex teżerċita dritt li tippretendi li għandek, ġegħelt bl-awtorita' tiegħek innifsek lil Shaun Camilleri iħallas dejn jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun jew fixkilt lil Shaun Camilleri fil-pussess ta' ħwejġu b'xi mod ieħor kontra l-liġi jew indħalt fi ħwejjeġ ta' ħaddieħor."*

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet il-provi prodotti;

Semgħet trattazzjoni finali.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuża tiffigura l-offiża tar-*ragion fattasi* ai termini tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Fil-Liġi Maltija, l-elementi ta' dan ir-reat kif imħadna fil-ġurisprudenza Maltija, jirriflettu l-analiżi tal-ġurista Taljan Francesco Carrara fil-kitba tiegħu, Esposizioni dei Delitti in Specie – Parte Speciale del Programma del Corso di Diritto Criminale, Volum 5, Lucca, 1868, fejn, f'paġna 487, para 2850, itenni l-elementi ta' dan ir-reat bħala:

> *"1.o Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo*
>
> *2.o Credenza di far quest'atto in esercizio di un diritto*
>
> *3.o Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorita' di magistrati*
>
> *4.o Mancanza di titolo piu' grave."*

Fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs. Spiru Bartolo**, nhar id-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u sitta (2006), intqal hekk:

> *"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta l-elementi kostituttivi tar-reat ta' "ragion fattasi" taht l-art.85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha u cioe' :-*
>
> *(a) att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li tkun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-oppozizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor;*
>
> *(b) il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt ;*
>
> *(c) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel "di privato braccio" dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita' pubblika ; u*

*(d) n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi. (Ara. App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel maghruf bhala Charles Farrugia"[17.2.95] ; "Il-Pulizija vs. Reno Micallef"[6.6.95] ; "Il-Pulizija vs. Mark John Schembri"[18.9.2002] u ohrajn)."*

Tal-istess portata kienet id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Mario Lungaro**, fit-18 ta' Novembru, 1996,:

*"Biex jikkonfigura ruhu r-reat ta' ragion fattasi, iridu jikkonkorru dawn l-elementi: "(1) att estern li jispolja lil xi hadd iehor minn haga li jkun qieghed igawdi, liema att ikun ezegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew presunta, ta' dan il-haddiehor; (2) il-kredenza li l-att qieghed isir b'ezercizzju ta' dritt; (3) il-koxjenza fl-agent li hu qieghed jaghmel 'di privato braccio' dak li jmissu jsir per mezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-Crivellari, Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749, 'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato'); u (4) in-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia, Appell Kriminali 14 ta' Dicembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506; Il-Pulizija v. Carmel sive Charles Farrugia, App. Krim. 17 ta' Frar, 1995; Il-Puliziia v. Carmelo Ciantar, 18 ta' Settembru, 1996; ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123)."*

*Hu risaput - u dan, del resto, johrog mill-istess definizzjoni tar-reat in dizamina - li l-istess att materjali jista' jaghti lok ghar-reat ta' ragion fattasi jew ghal reat iehor (hsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat iehor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-agent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika".*

Din il-Qorti tqis illi fil-kliem tal-liġi nfisha, biex jissussisti r-reat tar-*ragion fattasi* jinħtieġ li l-imputat *"ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejjġu."* Fi kliem ieħor, jinħtieġ att estern li jispolja lil ħaddiehor minn oġġett li jkun qiegħed igawdi. Jekk il-pussess ikun diġà qiegħed għand l-imputat u l-imputat jagħzel li jżomm dan il-pussess, ma jkun qiegħed jagħmel l-ebda att estern, li permezz tiegħu ineħħi l-oġġett mill-pussess tat-terz u jimpussessa ruħu minnu. L-imputat ma jkun fixkel lil ħadd mill-pussess ta' ħwejjġu għax pussess ma jkunx kellu. Fil-kawża fl-ismijiet, *Il-Pulizija vs Eileen Said,* deċiża fid-19 ta' Ġunju, 2002, il-Qorti tal-Appelli Kriminali spjegat li:

> *"Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li jkun gia' ikollu. Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz, jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol 5 para 2850):-*
>
> *'L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode. Chi e' nell' attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo", il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale."*

Dwar dan il-punt, hemm ukoll dottrina u ġurisprudenza Taljana dwar ir-reat ta' *ragion fattasi* li minnu l-leġislatur Malti kien ġie kjarament ispirat, li tgħallem li ż-żamma jew rifjut ta' konsenja ta' oġġetti per sè, ma twassalx għal dan ir-reat ta' *ragion fattasi.* Skont il-Majno, *"E per parita di ragione fu giudicato non costituire delitto di esercizio arbitrario il semplice fatto di trattenere e rifiutarsi a restituire"*. (Codice per il Regno d'Italia, Luigi Maino – Libro II, Titolo IV, Art. 235 e 236, Para 1189, fol. 6).

**Ikkunsidra:**

Il-Qorti qieset ix-xhieda prodotta li huma:

i. **PS 827 Edward Grech;**
ii. **Shaun Camilleri;**
iii. **Nutar Dr Carmel Martinelli;**
iv. **Charles Camilleri;**
v. **Emmanuel Vella;**
vi. **Perit Ludovico Micallef.**

Irrizulta li Shaun Camilleri akkwista garaxx mingħand is-socjetà Raymanda Ltd u skont l-istess Camilleri, il-ftehim kien li x-xaft ma jiġix imsaqqaf biex b'hekk ma jiġix ostakolat id-dawl u l-arja minnu. Dan ir-rapport sar peress li x-xaft eżistenti li kien hemm ġol-garaxx mixtri minn Camilleri, kien qed jiġi msaqqaf mill-imputat u/jew mis-socjetà Raymanda Ltd.

Irrizulta wkoll mix-xhieda mogħtija, li fejn ġie msaqqaf mhuwiex proprjetà tal-parte ċivile, u dana peress li l-istess parte ċivile kkonferma fix-xhieda tiegħu, li huwa xtara flimkien mal-garaxx, ix-xaft li jmiss mal-garaxx, iżda sal-għoli tal-garaxx. Ikkonferma

wkoll li x-xaft fejn issaqqaf, huwa aktar 'il fuq mill-garaxx proprjetà tiegħu (vide paġna 12 tax-xhieda mogħtija minn Shaun Camilleri fit-8 ta' Mejju, 2023). Anke n-Nutar li rrediega l-kuntratt ta' akkwist ta' Shaun Camilleri, ikkonferma li l-kompratur kien xtara l-arja sal-għoli tal-garaxx biss.

Charles Camilleri wkoll ikkonferma li fejn ġie msaqqaf, huwa 'l fuq mill-garaxx ta' ħuħ Shaun Camilleri (vide paġna 13 tax-xhieda mogħtija minnu fit-8 ta' Mejju, 2023). L-istess imputat qal fix-xhieda tiegħu, li huwa saqqaf fl-arja proprjetà tiegħu.

Din il-Qorti qieset li l-ilment tal-kwerelant, huwa li dan ix-xaft ma setax jingħalaq jew jiġi msaqqaf jew jiġi ostakolat id-dawl u/jew l-arja, għalkemm il-bejjiegħ kien obbligat jieħu ħsieb biex ix-xaft ma jinżilx ilma tax-xita jew kull tip ta' ilma. Għaldaqstant, skont Camilleri, ġjaladarba dan ix-xaft ġie msaqqaf bil-konkos u mhux bil-ħġieġ, ixxekkel il-pussess tiegħu fit-tgwadija tiegħu, għax ġie ridott id-dawl u/jew l-arja.

Da parti tieghu, l-imputat sostna li huwa saqqaf dan ix-xaft jew ventilatur (kif jiddeskrivih) skont il-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar. Huwa ċaħad ukoll li tnaqqas id-dawl u l-arja mill-garaxx tal-kwerelant.

Din il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza kkwotata mill-legali tal-kwerelant, u ċioè dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, Appell Nru: 242/2022, fl-ismijiet, Il-Pulizija vs Salvino Debrincat, deċiża fil-25 ta' Novembru, 2022, fejn intqal:

> *"Illi irrispettivament mid-drittijiet ta' natura ċivili spettanti lill-ko-litigandi dwar drittijiet petitorji u drittijiet ta' servitu' ta' prospett, dawl u arja, huwa indubitat illi hemm kwistjoni dwar il-ftuħ ta' twieqi mill-kwerelanti għal fuq il-proprjeta' tal-appellant xi żmien ilu lura fis-sena 2010. Illi dan jirriżulta minn ittra uffiċjali eżebita in atti, a fol.36 tal-proċess, fejn l-appellant u il-ko-proprjetarji miegħu lmentaw illi l-kwerelanti biddlet "b'mod radikali" is-servitujiet u id-drittijiet li il-fond tagħha kien igawdi fuq il-bejt tal-fond tal-appellant. Jidher li dan seħħ meta loġġja tal-ħġieġ li kienet tagħti għal fuq dan il-bejt inbiddlet f'ħajt u żewġt twieqi. Jidher illi wara din littra uffiċjali li saret fis-27 ta' Awwissu 2010, l-appellant u l-ko-proprjetajri l-oħra ma ħadu ebda passi ulterjuri kontra l-kwerelanti. Issa l-att allegatment spoljattiv li ta lok għal dawn il-proċeduri seħħ meta l-appellant bena ħajt fuq l-arja tal-proprjeta' tiegħu liema ħajt għalaq l-arja u d-dawl li kienu jirċievu dawn it-*

*twieqi. Jidher illi llum din il-kontestazzjoni bejn il-ko-ltigandi qed tkun dibattuta fil-forum ċivili quddiem il-Prim'Awla, rikors numru 760/2022.*

*Dan magħdud madanakollu f'dan il-forum ta' natura penali il-Qorti ċertament ma hijiex imsejħa biex tiddetermina xi drittijiet petitorji jew ta' servitu' li xi parti jew oħra tista' tgawdi, iżda unikament sabiex tara jekk l-elementi ta' dritt meħtieġa sabiex jissussiti ir-reat hekk imsejjaħ ta' raggion fattasi jirriżultawx ippruvati.*

*Illi huwa inkontestat illi jeżistu dawn it-twieqi, jew dawk li l-appellant isejjaħ bħala aperturi, bejn il-proprjeta' tal-kwerelanti u tal-appellant li jagħtu id-dawl u l-arja lil proprjeta' tal-kwerelanti. Illi huwa fatt inkontestat ukoll illi l-appellant bena ħajt b'tali mod illi dawn l-aperturi ġew imbarrati u dan mingħajr ma kiseb il-kunsens preventiv tal-kwerelanti. Igħid hekk Michael Buttiġieġ, li huwa s-sid tal-proprjeta' li jokkupa l-appellant:*

*"Il-ħajt il-ġdid ittella' eżatt mal-ħajt li kien hemm qabel biex għattejna dawk iż-żewġi itwieqi li kienu jagħtu għal fuqna ..."*

*Illi jirriżulta ukoll illi dawn l-aperturi li ħadu post il-loġġja li kien hemm qabel saru mill-kwerelanti madwar erbatax-il sena ilu fejn allura din tħalliet fit-tgawdija ta' din is-servitu'. Mhux biss iżda jidher illi skont dak dikjarat fl-ittra uffiċjali tas-27 ta' Awwissu 2010 minn dejjem kien jeżisti dritt ta' servitu' mill-fond dominanti għal fuq il-fond serventi, bl-appellant jilmenta illi bit-tibdil strutturali li għamlet il-kwerelanti fil-loġġja li kien hemm fil-proprjeta' tagħha, fil-fehma tiegħu, hija biddlet in-natura ta' din is-servitu'. Dan ifisser, kuntrarjament għal dak li jikkontendi l-appellant fl-argumenti difensjonali minnu vantati, illi kien jeżisti stat ta' fatt li unilateralment inbidel minnu, stat ta' fatt li minnu kienu naxxenti xi drittijiet ta' servitu' ta' prospett, dawl u arja li kienet tgawdi l-kwerelanti u li l-appellant iddeċieda li jagħlaq bil-bini ta' ħajt fil-proprejta' tiegħu għaliex jikkontendi illi huwa seta' jagħmel dan fil-proprjeta' tiegħu u dan għaliex l-kwerelanti ma tgawdi ebda drittijiet petitorji jew ta' servitu'. L-appellant għalhekk użurpa għalih innifsu il-poter mogħti lill-awtorita'pubblika sabiex jagħmel hu minn jeddu dak li dehrlu kien dritt tiegħu li jagħmel.*

*Dan ifisser illi tirriżulta ir-reita' ghall-imputazzjoni addebitata lill-appellant. Il-fatt illi il-ħajt inbena interament fil-proprjeta' tiegħu, kif jargumenta, ma jistax jeradika mid-drittijiet tal-kwerelanti li kienet sa dak il-mument qed tgawdi dritt ta' prospett, dawl u arja minn dawn l-aperturi,*

*għalkemm dan id-dritt kien qed jiġi kkontestat. Di fatti fil-każ fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Bongailas, il-Qorti tal-Appell ikkunsidrat hekk –*

*L-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali li jittratta dwar ir-ragion fattasi, bl-ewwel rekwizit tieghu, kjarament iqis bhal agir kriminali kull att ta' xi hadd li jfixkel lil xi haddiehor fil-pussess ta' xi haga li qed igawdi. L-imsemmi artikolu, ghalhekk, jittutela l-pussess tal-haga u mhux necessarjament ukoll il-proprjeta'' taghha. Il-kelma pussess, ghalhekk, tinkludi l-uzu jew dgawdija ta' dik il-haga. Li hu importanti, ai fini ta' l-Artikolu 85 tal-Kap. 9, dejjem riferibbilment ghall-ewwel element kostituttiv tieghu huwa jekk effettivament sa dik in-nhar li sar dan l-allegat att ta' spoll mill-appellant, kellhomx il-kwerelanti l-pussess, ossija l-uzu u/jew id-dgawdija tal-fond in kwistjoni.*

*Taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hemm ebda bzonn illi jigi ppruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk. Id-dicitura ta' l-artikolu hija cara u l-legislatur certament ried illi jigi evitat kull tfixkil, hu ta' liema natura hu, anki fis-semplici pussess. Tali pussess jinkludi wkoll kif gie ripetutament deciz minn din il-Qorti, anke s-semplici drittijiet normalment kompetenti lill-persuni koncernati. Id-dispozizzjoni tal-ligi li tikkontempla r-reat ta' raggion fattasi hija ntiza biex il-privat li jippretendi xi drittijiet ma jissostitwix l-azzjoni tieghu ghal dak tat-tribunal meta jista' jirrikorri lejhom. Hi gusta jew le la pretensjoni tieghu, hu ma jistax minn rajh jezercita dawk id-drittijiet li hu jippretendi li ghandu.*

*Fuq kollox, illi l-kelma 'spolja' għandha sinifikat wiesgħa mogħti mill-istess artikolu 85 fejn fost oħrajn att spoljattiv jikkonsisti wkoll f' li wieħed b'mod ieħor kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor.' Il-Qorti kompliet tgħid dan ir-reat huwa intiż biex "jipprevjeni li wieħed, flok ma jirrikorri għall-proċedura skont il-liġi (ċivili), jieħu l-liġi b'idejh". Li huwa proprju dak li seħħ f'dan il-każ meta ttella' ħajt kważi jmiss mat-twieqi li hemm fil-proprejta' tal-kwerelanti, bl-appellant finalment iressaq il-każ tiegħu quddiem il-qorti ċivili biex il-kwistjoni tiġi determinata minn dik l-awtorita' ġudizzjarja li għandha s-setgħa tiddeċiedi il-limiti tad-drittijiet spettanti lil kull wieħed mill-partijiet. Setgħa, jerġa' jingħad, li ċertament mhijiex fdata f'idejn din il-Qorti."*

Din il-Qorti taqbel perfettament ma' dan l-insenjament li għadu kif ġie ċitat. Fil-każ odjern, irriżulta mill-provi prodotti, li d-dawl u l-arja fil-garaxx tal-kwerelant ġew

ridotti, in vista tal-aġir tal-imputat li saqqaf l-istess xaft jew ventilaturi, u li b'dan l-aġir, l-imputat kien qed jindaħal fi ħwejjeġ ħaddiehor u jieħu l-liġi b'idejh. Kellu semmai jipproċedi fil-fora ċivili, biex din il-kwistjoni dwar id-drittijiet ommeno tal-kwerelant, tiġi riżolta.

Da parti tagħha, id-difiza ssostni l-akkuża ħarġet fil-konfront ta' Emmanuel Vella, mentri l-każ jirrigwarda lil Raymanda Limited, li skont id-difiża u anke skont ix-xhieda ta' Emmanuel Vella, hija kumpannija proprjetà tal-istess Emmanuel Vella. Madanakollu, fil-mori ta' din il-kawża, intalbet korrezzjoni, liema korrezzjoni ġiet milqugħa u għalhekk din l-argumentazzjoni tfalli.

**Deċide**

**Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali, issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni lilu addebitata, u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mija u ħamsin Ewro (€150). B'applikazzjoni tal-Artikolu 377(5) tal-Kodiċi Kriminali, tordna lill-ħati jneħħi l-konkos li bih imblokka ix-xaft/ventilatur in kwistjoni fil-proprjetà tal-kwerelant, sabiex b'hekk jerġa' iqiegħed lill-kwerelant fit-tgawdija tiegħu ta' dan ix-xaft/ventilatur, u dan fi żmien tliet xhur mil-lum. Id-drittijiet ċivili spettanti lill-partijiet jibqgħu impreġudikati b'din is-sentenza.**

____________________________

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

____________________________

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**